# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Dicembru, 2001 .

## Avviz numru : 69/01GT(GM)

**Socjeta' Kummercjali Dominic Department Stores (DDS) Ltd .**

**VS**

**Alfred Attard .**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba sabiex il-konvenut jghid ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li jhallas lis-socjeta' attrici l-pagament ta' sebgha u hamsin liri maltin (Lm57) rapprezentanti in kwantu ghal sitta u erbghin lira maltin (Lm46) prezz tal-bejgh ta' merci li gew lilu mibjugha u kkonsenjati u in kwantu ghal hdax-il lira maltija (Lm11) imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-bejgh u konsenja tal-istess oggetti .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha huwa debitament ingunt .**

**Bl-ispejjez ukoll tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' April, 1999 u tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju, 2000 .**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sal-effettiva pagament .**

**Ra r-riferta imnejn jirrizulta illi l-konvenut gie debitament innotifikat fit-23 ta' Novembru 2001 .**

**Sema' d-depozizzjoni tal-avukat Dottor Mario Xerri rapprezentant tas-socjeta' attrici debitament awtorizzat .**

**Ikkunsidra :**

**Illi l-konvenut ma deher ghall-ebda seduta mizmuma mit-Tribunal u cioe' dawk tal-4 ta' Dicembru 2001 (ghalkemm ghal dik is-seduta t-terminu ghar-risposta kien ghadu m'ghaddiex), tal-14 ta' Dicembru 2001 u l-anqas dik tallum ;**

**Ra l-artikolu 13(b) tal-Att ta' Kap 380 ;**

**U billi t-talba tirrizulta sodisfacentement ippruvata ;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas lis-socjeta' attrici tas-somma ta' LM57 kwantu ghal LM46 prezz ta' bejgh ta' merci, u kwantu ghal LM11 imghaxijiet sat-13 ta' Novembru 2001, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 t'April 1999 u l-ittra ufficcjali tat-18 ta' Lulju 2000 .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S6901Gt(gm)
264